MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 2/2006/1

Rikors Nru: 2/2006

Vicarist Ltd (C 6406)

vs

Alfred Camilleri

Il-Bord,

Ra r-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fis-6 ta' Jannar 2006 fejn esponiet:

Illi hija tikri lill-intimat il-fond 96, Nuzzo Street, Hamrun bil-kera ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130) fis-sena bil-quddiem, pagabbli kull sitt xhur, l-ahhar skadenza fil-31 ta' Dicembru, 2005;

Illi dan il-fond kien inkera lill-intimat fi stat tajjeb, izda minhabba n-nuqqas ta’ manutenzjoni da parti tal-intimat dan il-fond garrab hafna hsarat u dan kif jista’ jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors;

Ghaldaqstant is-socjeta’ rikorrenti titlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-fond fuq imsemmi skond il-ligi, u li ghal fini tal-izgumbrament jigi prefiss lill-intimat zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez.

Ra d-dokument esebit.

Ra li l-intimat la deher ghas-seduta u lanqas ressaq risposta fir-Registru tal-Qrati minkejja li kien debitament notifikat.

Ra l-art. 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti u jawtorizzaha terga’ tiehu f’idejha l-fond 96, Triq Nuzzo, l-Hamrun.

Ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti tlett (3) xhur zmien millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------